MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-13 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 369/2019 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Charlotte Grima u kif ukoll l-istess Charlotte Grima (K.I. nru. 209763(M))**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Joseph sive Giuseppe Buhagiar (K.I. nru. 276060(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti s-soċjetà **Elmo Insurance Limited (C 3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Charlotte Grima (K.I. nru. 209763(M)) u kif ukoll l-istess Charlotte Grima (K.I.**

**nru. 209763(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tagħhom fil-konfront tal-intimat **Joseph sive Giuseppe Buhagiar (K.I. nru. 276060(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], billi ċaħad it-talba tagħhom u laqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, bl-ispejjeż kontrihom.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-każ odjern jirrigwarda allegata ħsara fil-vettura tal-appellanta Charlotte Grima tal-għamla Nissan Juke bin-numru ta' reġistrazzjoni CHA-704. Jirriżulta li fit-28 ta' Awwissu, 2017, l-appellanta kienet ħalliet l-imsemmija vettura fi Sqaq il-Ħerba, iż-Żejtun, ftit bogħod mir-residenza tagħha u quddiem ir-residenza tal-appellat, fejn hu jew persuni oħra inkarigati minnu kienu qegħdin jaħdmu fuq il-faċċata tiegħu. Hekk kif l-appellanta Grima marret lura għall-vettura tagħha, sabet li din kienet miksija trab, u wara li ħaslitha, osservat li kellha diversi tbajja u titjir, filwaqt li l-i*spray* tagħha kien imtappan.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanti għalhekk istitwew il-proċeduri odjerni permezz tal-preżentata ta' Avviż ta' Talba quddiem it-Tribunal, fejn talbuh sabiex:

> *"...jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti minnhom u sabiex jikkundanna lill-istess konvenut iħallas is-somma ta' elfejn, erbgħa mija u tnejn u erbgħin Ewro u ċenteżmu (€2,442.01), rappreżentanti d-danni*

*kkaġunati mill-intimat u sborsati mis-soċjetà rikorrenti bħala indenniż a favur l-assigurata tagħha Charlotte Grima;*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali, inkluż dawn tal-ittra uffiċjali bin-numru 1495/19 bl-ogħla rata permissibli bil-liġi mid-data tal-ittra uffiċjali, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, illi jibqa' inġunt għas-subizzjoni."*

4. L-appellat wieġeb fit-12 ta' Marzu, 2020 fejn eċċepixxa dan li ġej: (a) l-appellanti għandhom iġibu prova tad-danni allegati; (b) huwa ma kienx responsabbli għall-imsemmija danni; (ċ) jekk tassew ġew ikkawżati danni, kienet taħti għalihom l-appellanta Charlotte Grima stess stante n-negliġenza tagħha; (d) l-appellanti għandhom iġibu prova tan-ness tiegħu mad-danni pretiżi; u (e) it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (f) salv eċċezzjonijiet oħra.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Konsiderazzjonijiet***

*Din il-kawża si tratta dwar inċident li seħħ meta l-attriċi sabet tbajja fuq il-vettura tagħha wara li kienet ipparkjata bin-naħa ta' quddiem tħares lejn il-proprjetà tal-konvenut f'ħin li huwa kien qed jagħmel xi xogħlijiet fuq il-parti ta' fuq tal-proprjetà u l-bejt. Għalhekk l-atturi qed jitlobu lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara illi l-inċident seħħ kawża ta' negliġenza min-naħa tal-konvenut u għalhekk il-konvenut għandu jwieġeb għall-ħsara.*

*L-artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*

Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

*L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta’ dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diliġenza ta’ ħsieb fi grad akbar.

*Fuq din il-vertenza, fil-kawża fl-ismijiet Mapfre Middlesea P.L.C. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Lara May Cardona vs Carmelo Saliba, it-Tribunal qal:*

Din hija ġeneralizazzjoni li l-Kodiċi Ċivili nostran iqiegħed bħala bażi radianti r-responsabbilità f’għemil partikolari ta’ individwu. Dan l-għemil partikolari, sabiex ikun konsonu ma’ jew jirrifletti ħtija, jrid ikun niqes minn dik il-prudenza u/jew dik id-diliġenza bażilari li hi spettanti li tinstab f’persuna ta’ għerf ordinarju u esperjenza komuni, ossija ’l hekk magħrufa figura tal-bonus paterfamilias. 10 Mankanza ta’ adeżjoni ma’ dan il-prinċipju bażilari – li wara kollox hu l-fulkru ta’ kwalsiasi rapport bejn persuni fit-twettiq ta’ kull obbligazzjoni mondana u soċjali tagħhom, skritta o meno11 – barra li jwassal għall-ħtija kif ġià ngħad, jikkonduċi għad-danni u r-riżarċiment tagħhom, hekk kif dispost fl-Art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili li jinnarra li, “Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diliġenza, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaga li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk. Tradott fi kliem ieħor, sabiex individwu “iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu” [Art. 1031], hu għandu jkun nieqes minn dik il-prudenza, diliġenza u ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja [Art. 1032(1)], u dan kollu jwassal lill-istess individwu, jekk javvera ruħu sinistru, għar-riżarċiment “tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk” [Art. 1033]. Tali normattivi huma a karigu tal-parti attriċi li tippruvahom, u dan in virtù ta’ dak misjub fl-Art. 562 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili li jikkodifika l-brokkard Latin ta’ affirmanti incumbit probatio. (fn. 17 *Avviż tat-Talba numru: 243/2017KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 9 ta’ Jannar, 2019).*

B’rifless ta’ dan, il-Qrati tagħna affermaw li, “Fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jeħtieġ jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta’ dak l-għamil jew ta’ dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta’ dak l-għamil jew ta’ dik l-omissjoni.” (Charles Gauci et v. Maria Borg Mizzi et noe, Prim’Awla, 25 ta’ Novembru, 2004). Din mhux xi posizzjoni novella meħuda riċentement mill-Qrati taghna. ’Il fuq minn erbgħin sena ilu, l-Qrati Maltin kienu bdew jissottolinejaw li, “F’kawża ċivili l-attur li jallega li ġratlu ħsara b’tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a soddisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma iġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma tistgħax ikollha eżitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jipprovax – għaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-inċident jkun ġara

b'tort tal-attur; dan mhux għaliex it-tort għall-inċident jkun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu." (vide Dottor Herbert Lenicker v. Joseph Camilleri, Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 1972; mhux pubblikata).

Ta' min isemmi illi hemm istanzi partikolari fejn il-liġi espressament tikkonċedi presunzjoni ta' responsabbilità (jew inferenza ta' culpa), salv il-prova kuntrarja, hekk bħal fil-każ inter alia tal-Art. 1034, 1039(1), 1040 u 1041 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn, iżda, huma l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali u fejn il-liġi ma tispeċifikax, tali istanzi ma jistgħux jiġu applikati b'analoġija għal ċirkostanzi oħra, minnhom diversi. Kull eċċezzjoni għar-regola għandha tirċievi interpretazzjoni restrittiva u l-applikazzjoni tagħha per analoġija hi prekluża (ara b'eżemplari ta' dan il-prinċipju Francis Xavier Dingli v. Frank Cassar Torreggiani, Prim'Awla, 15 ta' Jannar, 1970; mhux pubblikata). Riflessjoni ta' dan it-tagħlim insibuh fl-iskritti ta' l-awtur MARIO COZZI ("La Responsabilità Civile Per Danni Da Cose", CEDAM, 1935; p.119) fejn jgħid hekk: "Alla legge certo è consentito, in casi eccezionali, sancire simili presunzione, ma il magistrato, salvo questi casi speciali, dovrebbe sempre esigere, oltre la prova del danno, anche quella della colpa e potrebbe facilitare quest'ultima prova solo mediante presunzioni rispetto ai singoli fatti e circostanze, che sono allegati come costitutivi di colpa."

Għalhekk, il-linja bażi f'azzjoni għar-rżarċiment ta' danni allegatament sofferti, għandha – bħala regola u fin-nuqqas ta' norma eċċezzjonali espliċita kif appena senjalat – issegwi l-massimi ta' onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat u ta' affirmanti incumbit probatio, kif tradotti, kodifikati u rakkjużi fl-imsemmi Art. 562 tal-Kodici ta' Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dan kollu tradott għall-preżenti każ, kien obbligu tas-soċjetà attriċi li turi, sal-grad rikjest fil-kamp ċivili, li l-imputazzjonijiet tagħha jirrikadu fuq l-konvenut mixli li kkaġuna dannu. F'dan is-sens, il-konvenut m'għandu l-ebda obbligu li juri l-innoċenza tiegħu jew li hu aġixxa bi prudenza u dan 'l għaliex, l-ewwel, il-pendolu tal-ħtija jrid joxxilla lejh biex hu jattiva ruħu ħalli mbagħad jiġġustifika għemilu. Fin-nuqqas, hu jista' jibqa' sieket sakemm l-avversarju tiegħu (l-attriċi) juri l-impronta tal-ħtija tiegħu (tal-konvenut). Huwa dan l-oneru li l-liġi teżiġi minn min jallega fatt, u fin-nuqqas li l-prova ma ssibx il-libsa tal-konkret, l-allegat danneġġjant għandu jiġi liberat minn dak kollu lilu imputat ġjaladarba "actor non probante, reus absolvitur".

B'dan kollu premess, l-attriċi kellha l-piż tal-prova li l-ipoteżi ta' ħtija minnha avvanzata, tikkonkretizzaha bil-produzzjoni ta' provi idoneji u suffiċjenti. Id-dmir

ta' min jallega l-htija ma jistax jiġi limitat għas-sempliċi allegazzjoni li sar dannu mingħajr ma dan (id-dannu) jiġi rikollegat għal xi għemil tal-preżunt danneġġjant u mingħajr ma tiġi pruvata l-kondotta kolpuża tiegħu jew is-sors li allegatament ikkaġunah. Dwar dan, l-imsemmi MARIO COZZI jgħid illi l-"illecito, agli effetti della responsabilità civile, non è ogni fatto che violi l'altrui diritto, ma solo quello che lo viola colposamente; all'attore quindi spetta sempre provare non solo la violazione del proprio diritto, ma anche – e sopratutto – la colpa del convenuto, essendo questa come quella un fondamento della sua azione." (ibid., p.122). Dan huwa hekk proprju 'l ghaliex, "quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli è nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poichè la colpa è un'ipotesi giuridica e generica finchè sta nelle disposizione della legge o nei tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili" (cfr. Ingegnere Frank Calafato v. Carmelo Dimech, Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1921). Fuq l-istess binarji ta' ħsieb, l-awtur GIORGIO GIORGI ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze 1924; Vol.II, §33 p.57) jikteb illi, "La colpa invero è un quid iuris, sinchè sta nei volumi dei trattisti al cospetto della scienza; ma la colpa è un quid facti, quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non può trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati."

Għalhekk, fl-isfond tat-tagħlim dottrinali u ġurisprudenzjali hawn fuq senjalat, il-prova tal-ħtija hi ingredjent indispensabbli għaliex min hu tenut jiġġudika huwa meħtieġ isib, jindividwa u jiddikjara r-responsabbilità tad-debitur (interpretata f'sens wiesgħa). L-awtur GIOVANNI CESAREO CONSOLO ("Trattato sul Risarcimento del Danno in Materia di Delitti e Quasi Delitti", UTET, 1908; §1, p.314), bħal Mario Cozzi supra, jafferma illi, "Chi allega il delitto o il quasi delitto deve dare la prova del fatto doloso o colposo, tranne i casi di responsabilità per fatto altrui, perchè allora havvi presunzione di colpa. Dolo e colpa debbono essere provati da chi afferma di essere stato danneggiato; e si applicano, di conseguenza, le regole comuni del diritto probatorio." Dwar il-prova tal-ħtija, dan l-awtur ikompli jisħaq li, "La prova non può scindersi e dev'essere data in tutta la sua pienezza; e dal non potere il convenuto dimostrare che l'azione o l'omissione non sia imputabile per una ragione qualsiasi, non deriva che l'attore sia dispensato dal fornire la prova piena di cui abbiamo parlato." (ibid., §2, pp. 315–316). Dan kollu, kif ġjà rajna, hu mħaddan fil-ġurisprudenza nostrana fejn insibu affermat li, "Ir-responsabbilità għandha tiġi dejjem provata u fin-nuqqas ma jistax ikun hemm kundanna." (**Dr. Stephen Thake noe et v. Ronald Apap et**, Prim'Awla, 31 ta'

Jannar, 2003). Ara wkoll, għal dak li jiswa, id-deċiżjonijiet in re **Dottor John Cesareo M. D. et v. Francesco Sciberras et** (Prim'Awla, 23 ta' Jannar, 1980) u in re **Henry Gatt v. Charles Camilleri** (Prim'Awla, 28 ta' Jannar, 2004).

*Allura li t-Tribunal irid jikkonstata huwa jekk l-konvenut għamilx danni fuq il-vettura u jekk dawn id-danni effettivament saru, irid jikkonstata jekk sarux minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tiegħu.*

*Fil-każ odjern jirriżulta illi l-vettura mertu tal-kawża kienet ipparkjata quddiem il-binja proprjetà tal-konvenut bin-naħa ta' quddiem jmiss mal-bankina li tagħti għall-istess proprjetà. (fn. 18 Vide fol 66 tal-proċess). Il-konvenut ried jagħmel xi xogħlijiet fuq il-proprjetà tiegħu iżda meta ra l-vettura pparkjata, mar id-dar tal-attriċi sabiex jinfurmaha li kien ser jagħmel xi xogħlijiet u biex tressaq il-vettura. Lill-konvenut kien kellmu ir-raġel tal-attriċi fejn informah li l-attriċi kienet ser iċċaqlaq l-istess vettura. Wara li l-konvenut stenna ftit ħin mhux ħażin, u ra li kienet għadha ma ressqitx il-vettura, huwa għamel liżar fuq il-bonnet tal-istess vettura u beda bix-xogħlijiet li kienu jinkludu li jimla l-fili u uża tajn li huwa magħmul minn taħlita ta' xaħx bi ftit* cement.

*Jirriżulta li meta eventwalment l-attriċi saqet il-karozza, marret taħsilha stante li kienet mimlija trab, rat xi tikek li skont il-ġar tagħha Konsu Curmi kien qalilha li dawn kienu xi kimika li tirriżulta mis-*cement *li kien waqa' fuq il-vettura.*

*Jirriżulta li hija għamlet ir-rapport mal-Pulizija Eżekuttiva fil-31 ta' Awwissu, 2017, (fn. 19 A fol 62 et seq tal-proċess.) fejn ġie mitkellem il-konvenut u kien qal lil Pulizija li wara li jara l-vettura s-surveyor tal-attriċi, hu ried li jaraha s-surveyor tiegħu. Jidher li kienu saru diversi rapporti mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut u dan għal drabi oħra li ħadem fuq l-istess fond. Mir-rapport jirriżulta illi l-attriċi kienet informat lill-Pulizija Eżekuttiva li kienet kellmet lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tagħha fejn spejgawlha li hemm proċedura u li kienet ser tieħu ftit taż-żmien sabiex joħorġu stima tal-ħsarat tal-vettura tagħha.*

*Jirriżulta li l-ewwel survey ġie bbukkjat biex isir fit-22 ta' Settembru, 2017, iżda ġie kkanċellat minħabba indisposizzjoni medika tal-attriċi, fejn kienet informat lis-soċjetà attriċi li kienet ser iddum rikoverata 4 xhur. F'Jannar tas-sena 2018 l-attriċi kkonmunikat mas-soċjetà attriċi u informathom li hija ġarbet mewt fil-familja. Nel frattemp, la l-attriċi u lanqas is-soċjetà attriċi ma għamlu kommunikazzjoni sabiex isir appuntament ieħor mas-surveyor. L-ewwel darba li s-surveyor ra l-vettura kien fis-7 ta' Lulju, 2019 u ċioe' kważi sentejn wara l-allegat inċident.*

*Jirriżulta wkoll li l-ewwel darba li intuża il-*polish *fuq il-vettura kien fis-26 ta' Mejju, 2019, u għalhekk qabel ma sar l-ewwel survey iżda ferm wara li sar l-allegat inċident.*

*L-attriċi fix-xhieda tagħha qalet illi hija pparkjat f'dak il-parkeġġ partikolari stante li ma kienx hemm tabelli jgħidu mod ieħor. Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li l-attriċi għamlet diversi rapporti meta kienu qed isiru xogħlijiet mill-konvenut. Jirriżulta wkoll illi meta kien l-konvenut kien qiegħed jahdem mingħajr il-permessi neċessarji huwa ingħata sentenzi f'dan ir-rigward mill-Kummissarju għall-Ġustizzja fit-Tribunal Lokali, Żejtun. (fn. 20 A fol 87 et seq tal-proċess) Meta l-attriċi għamlet ir-rapport, il-Pulizija Eżekuttiva ħadet azzjoni però fir-rigward tal-ġurnata in kwistjoni ma ttellat l-ebda prova illi l-konvenut kellu bżonn xi permessi sabiex jagħmel ix-xogħlijiet imsemmija. Barra minn hekk jirrizulta illi malli kien ser jibda jagħmel ix-xogħlijiet, il-konvenut informa l-attriċi u saħansitra qagħad jistenna, u qabel ma beda x-xogħlijiet ħa l-prekawzjonijiet billi għatta n-naħa ta' quddiem tal-vettura (u ċioe' l-parti li kienet l-iktar viċin tal-faċċata).*

*Mis-*survey report *(fn. 21 A fol 54 et seq tal-process) jirriżulta li t-tbajja kienu fuq il-vettura kollha. It-Tribunal jibda billi jgħid li ma huwiex konfortat bil-verżjoni tal-attriċi li meta ħaslet il-vettura, għaliex dina kienet mimlija trab bix-xogħol li għamel il-konvenut, it-tbajja li sabet saru mil-konvenut. Dan għaliex bil-mod ta' kif kienet id-dinamika, u ċioe', ta' kif kienet ipparkjata l-vettura u fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet jidher li huwa diffiċli immens li jkun hemm titjir bil-mod u manjiera kif ġie spjegat mix-xhieda, u kif jidhru mmarkati fuq is-*survey report. *Dan għaliex jirriżulta li kien hemm marki fuq il-bonnet ukoll, liema bonnet ġie mgħotti b'liżar, u n-naħa ta' wara tal-vettura kienet ipparkjata 'l boghod mill-faċċata ta' fejn kien qed isir ix-xogħol. Mir-ritratti jidher ukoll illi tali tbajja żgħar jinsabu wkoll fuq il-faċċata ta' wara tal-karozza u mal-ġnub, għalhekk mhux biss fuq is-saqaf u l-bonnet (li kien hemm qbil li kien mgħotti).*

*Fil-fehma tat-Tribunal, kieku kien minnu li dawn it-tbajja ġew ikkaġunati mix-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-proprjetà tal-konvenut mill-għoli, it-tajn kien jinżel fuq il-partijiet orizzonatali u ċioe' is-saqaf u l-bonnet, u mhux mal-ġnub u mal-faċċata ta' wara tal-vettura.* Inoltre, *kieku kien minnu li l-allegata ħsara ġiet ikkaġunata minn tali titjir mit-taħlita użata mill-konvenut, it-tbajja li kienu jirriżultaw kienu jkunu f'forma rregolari u mhux sempliċiment tikek irqaq hekk kif jidhru fir-ritratti."*

## L-Appell

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-26 ta' Ottubru, 2022, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka u tikkanċella

s-sentenza appellata, u minflok tilqa' t-talba tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra dan tal-aħħar. Jgħidu li l-aggravju tagħhom huwa li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-provi kollha quddiemu fid-deċiżjoni tiegħu.

7. Fit-tweġiba tiegħu tat-28 ta' Frar, 2023, l-appellat issottometta li l-aggravji tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat u dak li qal it-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. L-appellanti jissottomettu li huma jħossuhom aggravati bis-sentenza appellata għaliex it-Tribunal iddeċieda dwar ir-responsabbiltà o meno tal-appellat billi kkunsidra biss uħud mill-provi. Fil-fehma tagħhom, b'hekk it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament xieraq tal-provi kollha, u ma pprovda l-ebda raġuni għaliex skarta l-provi l-oħra. Huma għalhekk qegħdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi kollha. L-appellanti jissottomettu li huma min-naħa tagħhom kienu ressqu l-provi meħtieġa u sodisfaċenti fir-rigward tal-pretensjonijiet tagħhom, u dan sal-grad rikjest mil-liġi, iżda l-appellat naqas milli jagħmel l-istess sabiex jinħeles mir-responsabbiltà tiegħu. Huma jagħmlu diversi riferimenti in sostenn tal-argumenti miġjuba minnhom, anki għal sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea

[EHCR] fid-29 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet **Saliba v. Malta** App. 24221/13 fejn jisħqu li għandu jinstab saħansitra li kien hemm ukoll ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Jikkontendu li mill-provi kellu jirriżulta li l-ħsara kienet ġiet ikkaġunata mill-appellat, iżda t-Tribunal skarta l-evidenza kollha sabiex b'hekk wasal għal deċiżjoni nġusta. Hawnhekk huma jagħmlu riferiment għall-osservazzjonijiet tat-Tribunal fir-rigward tal-ħsara riżultanti, u jikkontendu li r-raġunament tiegħu huwa ħażin, fattwalment skorret u ma jirriżultax mill-evidenza. Jirrilevaw li ma kienx jirriżulta li l-liżar kien qed jgħatti l-*bonnet* kollu, u għal dak li jirrigwarda l-argument tat-Tribunal dwar il-ħsarat fil-ġnub u fil-faċċata ta' wara tal-vettura, jissottomettu li dan jistrieħ fuq assunzjoni li m'għandhiex mis-sewwa. Huma ma jaqblux wkoll mal-argument tat-Tribunal li t-tbajja ma setgħux saru mill-appellat waqt ix-xogħlijiet li kien qed jagħmel għaliex dawn kienu sempliċement tikek. Jagħlqu s-sottomissjonijiet tagħhom billi jsostnu li apprezzament xieraq tal-provi kellu jwassal lit-Tribunal sabiex isib li l-appellat huwa unikament responsabbli għall-ħsara li għalhekk kellu jagħmel tajjeb għaliha.

10. L-appellat jilqa' billi qabel xejn isostni li t-talbiet tal-appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż ukoll. Filwaqt li jgħid li l-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq il-premessa li t-Tribunal kien żbaljat legalment meta ma kkunsidrax il-provi li tressqu quddiemu, u naqas milli jagħti motivazzjoni tajba għad-deċiżjoni tiegħu, jissottometti li l-appell huwa wieħed ġeneriku għall-aħħar fejn it-talba hija sabiex din il-Qorti tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid għaliex id-deċiżjoni appellata mhijiex *safe and satisfactory* riżultat tan-nuqqasijiet tat-Tribunal. Jgħid li mhuwiex spiss li Qorti tal-Appell tbiddel sentenza tal-ewwel Qorti jew

it-Tribunal fil-każ odjern, għajr f'każ eċċezzjonali, iżda dak odjern ma kienx hekk, għaliex it-Tribunal daħal fil-fond fil-mertu tal-provi u eżamina bir-reqqa l-fatti billi għamel riferiment ukoll għax-xhieda kollha u għamel sinteżi tagħha. L-appellat jikkontendi li mad-daqqa t'għajn wieħed seta' jifhem li l-provi miġjuba huma biżżejjed sabiex jasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, u jagħti rendikont ta' dak li effettivament ġara. Jirrileva li mir-rapport tas-*surveyor* tas-soċjetà appellanta, irriżulta li l-ħsara kienet tikkonsisti f'għafsiet fil-vettura u mhux titjir kif wieħed jistenna li jkun hemm skont id-dinamika tal-fatti kif prodotti, u jiċċita lill-istess *surveyor* li filfatt ikkorreġa ruħu waqt ix-xhieda tiegħu. L-appellat jargumenta li jekk semmai waqa' xi likwidu minn għoli ta' żewġ sulari għal fuq il-vettura, wieħed għandu jasal għall-istess konklużjoni tat-Tribunal, jiġifieri li t-taqtir kellu jirriżulta f'titjir fuq il-vettura u mhux tagħfis, u dan mhux fuq l-imsemmija vettura kollha ġaladarba l-*bonnet* kien mgħotti b'liżar li tpoġġa mill-appellat wara li kien avża lill-appellanta, li baqgħet ma resqitx il-vettura. Jirrileva li r-rapport tas-*surveyor* sar sentejn wara. L-appellat jirrileva li l-fatturi ppreżentati mis-soċjetà appellanta li kienu nħarġu mill-kumpanija Unicar, huma ineżatti u konfużi, u jkopru mid-9 ta' Lulju, 2019 sad-19 ta' Lulju, 2019, u mit-8 ta' Lulju, 2019 sad-19 ta' Lulju, 2019. Jikkontendi li l-provi kollha esebiti juru li l-każ odjern kien wieħed ta' *"neighbour feud"* kif spjegat mill-konsulent legali li kien qed jippatroċinja lill-istess soċjetà appellanta fl-*email* tiegħu tas-6 ta' Lulju, 2020. Jirrileva li dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' PC1594, li qal li meta fl-1 ta' Settembru, 2017 fuq rapport tal-appellanta huwa kien mar fuq il-post in kwistjoni, ma sab xejn irregolari għajr li l-appellat kien qiegħed jaħdem għall-affari tiegħu fuq il-bejt. Għalhekk isostni li l-allegazzjonijiet tas-soċjetà appellanta kif imfissra fir-rikors tal-appell, huma

skorretti u nfondati għal kollox, u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

11. Il-Qorti tikkunsidra li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu, u ċertament ma jistax jingħad li naqas milli jikkunsidra l-provi kollha, u li naqas ukoll milli jagħti motivazzjoni xierqa għas-sentenza appellata. Wara li qies it-talba tal-appellanti, it-Tribunal ikkunsidra dak li jiddisponu għalih l-artikoli 1031 u l-1032 tal-Kodiċi Ċivili. Ikkunsidra wkoll u ċċita fit-tul dak li qal l-istess Tribunal kif diversament ippresedut, fis-sentenza tad-9 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet **Lara May Cardona *vs.* Carmelo Saliba**[1], u rrileva korrettement li hawnhekk huwa kien tenut jistabbilixxi jekk kienx l-appellat li kien ikkawża d-danni fuq il-vettura tal-appellanta, u jekk tassew dawn saru, jekk kienux riżultat ta' imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tiegħu. It-Tribunal ikkunsidra l-fatti tal-każ odjern, u anki fattur li l-Qorti tqis tassew determinanti, li s-*surveyor* tas-soċjetà appellanta kien spezzjona l-vettura tal-appellanta Charlotte Grima fis-7 ta' Lulju, 2019, jiġifieri kważi sentejn wara li seħħ l-allegat inċident. Osserva li l-appellanta Grima stess kienet ikkanċellat l-ewwel appuntament, u saħansitra talbet iż-żmien għaliex kienet indisposta medikament, u għaliex ukoll fil-frattemp kien hemm mewt fil-familja tagħha. Irrileva wkoll li l-ewwel darba li ntuża l-*polish* fuq il-vettura in kwistjoni kien fis-26 ta' Mejju, 2019, jiġfieri qabel l-ewwel *survey,* iżda sew wara l-inċident allegat. It-Tribunal ikkunsidra dak li qalet l-appellanta Grima dwar ir-raġuni tagħha ta' nuqqas ta' tabelli għaliex hija kienet ipparkjat il-vettura tagħha proprju fil-post fejn ħallietha, u anki li l-appellat kien ħadem diversi drabi

[1] Avviż tat-Talba nru. 243/2017KCX.

mingħajr il-permessi neċessarji fejn instab ħati għal dan mill-Kummissarju għall-Ġustizzja fit-Tribunal Lokali, iż-Żejtun. Irrileva li madankollu fil-ġurnata li seħħ l-allegat inċident, ma rriżultax li dakinhar huwa kellu bżonn xi permess għax-xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel, u rriżulta saħansitra li huwa kien mar informa lill-appellanta Charlotte Grima, u wara li stenna huwa kien qabad u għatta b'liżar dik il-parti il-*bonnet* tal-vettura li kienet l-aktar viċin tal-faċċata tal-fond tiegħu. Hawnhekk osserva fatt ieħor rilevanti għad-deċiżjoni tal-każ odjern billi kkonstata li mis-*survey report* irriżulta li t-tbajja kienu fuq il-vettura kollha, jiġifieri anki fuq il-*bonnet,* fuq in-naħa ta' wara u fuq il-ġnub tal-vettura. It-Tribunal qal li huwa ma kienx jinsab konfortat bil-verżjoni tal-appellanta Charlotte Grima, li meta ħaslet il-vettura tagħha mit-trab li kien ikkawża allegatament l-appellat bix-xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel, ħarġu diversi tbajja li tgħid saru mill-istess appellat. It-Tribunal għalhekk ikkunsidra korrettement li kif kienet ipparkjata l-vettura u fejn kienu qegħdin jiġu eżegwiti x-xogħlijiet, kien jagħmel diffiċli sew it-titjir kif spjegat mix-xhieda u ndikat fis-*survey report.* Spjega li rriżulta li kien hemm marki fuq il-*bonnet* tal-vettura wkoll għalkemm kien tgħatta b'liżar, u għal dak li jirrigwarda n-naħa ta' wara tal-vettura, din kienet lil hinn mill-faċċata tal-fond fejn kien qed jaħdem l-appellat. Irrileva li jekk it-tbajja kienu riżultat tax-xogħlijiet li kien qed jeżegwixxi l-appellat, it-tajn kellu jaqa' fuq il-partijiet orizzontali tal-vettura, jiġifieri s-saqaf u l-*bonnet* u mhux fuq il-ġnub ukoll u fuq in-naħa ta' wara tal-vettura. It-Tribunal fl-aħħarnett irrileva li jekk tassew kien minnu li l-ħsara kienet riżultat tat-titjir mit-taħlita li uża l-appellat, it-tbajja kienu jidhru f'forma rregolari u mhux tikek irqaq kif jirriżulta mir-ritratti. Il-Qorti tqis li ġustament għalhekk it-Tribunal ċaħad it-talba tal-appellanti għaliex ma rriżulta l-ebda ness kawżali

bejn l-għemil tal-appellat u l-allegata ħsara fuq il-vettura proprjetà tal-appellanta. Il-Qorti tirrileva li l-appellanti naqsu għal kollox milli jressqu d-debita prova sabiex jistabbilixxu dan in-ness, u dan fejn saħansitra ix-xhieda tal-appellanta stess ma tistax titqies bħala waħda konklussiva fid-dawl ta' dak li xehdet dwaru, fejn ma ressqet l-ebda prova dwar il-ħsarat fil-vettura tagħha proprju hekk kif hija kkonstatat l-allegata ħsara. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-appellanta Charlotte Grima hawnhekk kienet naqset milli tiġbed l-attenzjoni immedjata tal-appellat għal dak li allegatament seħħ riżultat tax-xogħlijiet li kien qed jagħmel fil-proprjetà tiegħu. Naqset ukoll li tressaq kwalsiasi prova konklussiva u konvinċenti marbuta proprju mal-ħin li saret l-allegat ħsara, inkluż permezz ta' ritratti u xhieda, anki dik tal-Pulizija tal-Għassa fejn għamlet ir-rapport.

12. Tgħid li fin-nuqqas ta' prova tajba, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata. Tikkunsidra li l-appellanta m'għamlet xejn sabiex tnaqqas l-effett ta' kwalunkwe titjir li allegatament sar matul ix-xogħlijiet eżegwiti mill-appellat. Tqis li fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti m'huma qegħdin jgħidu xejn ġdid. Tagħraf li l-argumenti tal-bidu dwar in-nuqqas tat-Tribunal li jagħmel apprezzament sħiħ tal-provi li tressqu quddiemu u li jagħti motivazzjoni xierqa, huma ripetuti kemm-il darba matul l-għaxar paġni tar-rikors tagħhom, mingħajr ma jiċċaraw b'riferiment għall-provi prodotti, proprju dak li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra. Għalhekk il-Qorti tqis li fl-appell tagħhom mhux biss m'hemm xejn ġdid li jista' jikkonvinċi lill-Qorti sabiex tbiddel is-sentenza appellata, iżda saħansitra ma ssib l-ebda argument imsejjes fuq dawk il-provi li allegatament it-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tagħhom.

13. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellanti ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jitħallsu wkoll mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**